# Epigrammi Sarkastiċi (i)

## 338. IL-KURĊIFISS FIL-QORTI

Kristu jgħid mis-salib ġo nofs il-Qorti
lill-imħallef, ;ix-xhud u lill-ġurat;
"Elfejn sena ilu lili xlewni b'ħati
u mingħajr ħtija sfajt ikkundannat."

## 339. FIL-MILIED

Kull sena fil-Milied kulħadd xi ħaġa
joffri bid-dieher lil Ġesu' tarbija;
it-twajbin joffru u jagħtu r-rieda tajba;
il-ħżiena joffru wkoll: l-ipokresija.

## 340. IX-XJUĦ

Ix-xjuħ fil-pjazza ta' quddiem il-knisja
iqattgħu ftit miż-żmien, hekk minn għalihom;
intant minn wara l-bank, bla ħadd ma jilmħu.
iż-żmien bil-mod il-mod iqatta' fihom.

## 341. BĦALL-GĦANQBUTA

Il-liġi bħall-għanqbuta qalb il-weraq:
l-insetti l-kbar jaqsmuha bla tbatija;
iżda l-insetti ż-żgħar jibqgħu meħula
u fiha misfufin mingħajr mogħdrija.

## 342. IL-MALTI XĦIĦ

Kuljum jiskrokkja 'n-nies u l-flus ifaddal,
jisma' żewġ quddisiet u s-santi jbus;
u jgħix ħafna kuntent, għax il-preżenza
iħoss ġo qalbu tal-Mulej u l-flus.

## 343. IS-SALIB TAL-FJURI

Sallab lil Kristu tul il-ħajja tiegħu
billi ħaqar lill-fqir, ħażżen minuri,
u sfratta miżżewġin; sa ġo tebutu
reġa' sallbu mill-ġdid b'salib tal-fjuri.

## 344. ĦAWWAD JA GVERN!

Ħawwad ja Gvern u agħmel l-inġustizzji;
sawwar il-liġijiet illi jaħqruh;
il-poplu għandu x-xorb, il-birra, l-football,
għandu t-tfajliet ħelwin illi jnissuh.

## 345. IN-NAMUR

Tagħna n-nanniet biex jinnamraw fil-paċi
bnew sqaqijiet u toroq wisq dejqin;
aħna, tal-lum, għandna l-karozzi tagħna,
li jmorru 'l b'għod, komdi daqs mezzanin.

## 346. L-IMGIERET

Xjuħija, mard u ġdiem hawnhekk inġabru
biex jgħammru ġo dar waħda, mhux fit-triq;
u tal-Bniedem flimkien juru l-miżerja
kif juri l-ħmieġ miġbur ġo Wied Għammieq.

## 347. BĦALL-ILMA

Ruħi bħall-ilma, tiela' s-sema u nieżla,
u daqqa fis-smewwiet fi sħaba kbira
bajda u nadifa, u daqqa kollha mdardra
qalb ħama u tajn fil-konka ta' għadira.

## 348. MARD

Uritna min-nanniet Adam u Eva
umanità marida marda kbira,
u t-tobba li jintgħażlu ħa jfejquna
aktar minna tal-mard huma l-ilsiera.

## 349. IL-BAĦRI U MARTU

Feliċ u martu, meta jkun imsiefer,
lil xulxin jibdlu mhux darba jew tnejn;
iżda għandhom tajjeb illi b’dak li jiġri
dejjem jfinġu li ma jafu b’xejn.

## 350. RAĠEL MODERN

Żewġ frigidaires, żewġ sets tat-television,
kollox biż-żewġ ġo daru kif imiss;
u żewġ karozzi, u mara u friend bil-moħbi.
ulied jew xejn, inkella wieħed biss.

## 351. WARA L-KUNĊERT

Spiċċa l-kunċert, il-folla qamet kollha,
tfaqqa’ ċaġċip ċapċip li jagħmlek trux;
ixejjer is-surmast kollu daħkani,
mistagħġeb kemm hawn nies li ma jifhmux.

## 352. IN-NIES BĦAS-SBUL

Is-sbul taż-żargħa sew bħan-nies tad-dinja
– ifluhom sew biex taraw ngħidx xi bluha –
is-sbul mimlija qamħ b’rashom baxxuta,
u s-sbul il-battalin b’rashom merfugħa.

## 353. L-INBID TAZ-ZOKKOR

Bil-flus li qala' minn l-inbid taz-zokkor
għallem lil erba' wliedu qassisin,
għamlilhom patrimonju, u mdawwar bihom
għamel mewta bħal dik tal-qaddisin.

## 354. LUĊIFRU U R-RIĦA

Biex ixomm ftit ir-riħa tal-qdusija
ġo knisja f'raħal daħal ix-xitan,
u xamm riħa ta' mogħoż fil-parruċċani,
fwieħa t'eau de cologne fil-kappillan.

## 355. IL-FARIŻEW

Il-kexxun jixhed kemm lill-proxxmu seraq,
is-sodda tixhed kemm-il tradiment:
'mma fuq il-bejt bandiera bajda u safra
tiġbed il-barka t'Alla kull mument.

## 356. IL-ĠIRIEN

Meta missierha miet u sfat iltima,
marru jfarrġuha u bkew, bid-dmugħ radmuha;
'mma meta żżewġet lit-tabib tar-raħal,
marru ferħulha, iżda le ħamluha.

## 357. FIL-BUSKETT FL-IMNARJA

Bandieri u dwal, xalar, u żfin u għana;
in-nies jieklu u jixorbu fl-art paxxuti;
il-fniek jaraw lil sħabhom ġewwa t-taġen,
u jħarsu mwerwra b'par għajnejn baxxuti.